# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King’s College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King’s College, London).**

**Seduta ta’ nhar it-Tlieta 24 t’April tas-sena 2001.**

**Numru 33**

**Avviz numru 1796/99/SM**

**Claudio Aquilina**

**vs**

**Av. Dr. Stefan Camilleri LL.D. nominat b’digriet tas-7 ta’ Jannar, 2000.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat l-10 ta’ Dicembru ta’ l-1999 li permezz tieghu l-attur harrek lill-konvenut nomine fuq indikat sabiex jghid ghaliex m’ghandux jigi ikkundannat:**

1. **Ihallas s-somma komplessiva ta’ disa’ mija u tmienja u ghoxrin Lira Maltin (LM928) danni mhallsa mill-attur fuq vettura IAR 256 proprjeta’ tal-attur bhala danni u dan kagun ta’ habta li grat fis-16 ta’ Settembru, 1998 gos-Siggiewi,**

**meta waqt li kien qed isuq il-vettura DAK 337 habat mal-vettura IAR 256 misjuqa mill-attur stess u ghal liema incident hu kien unikament responsabbli;**

2. **Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali tat-28 ta' Jannar, 1999, u tal-ittra ufficcjali tal-5 ta' Novembru, 1999 u bl-imghax tat-8% fuq LM928 mill-jum sal-hlas effettiv kontra l-assenti konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni u bl-ispejjes tal-ittra ufficjali tal-lum kontra l-Middle Sea Insurance Co. Ltd. Assiguraturi tal-assenti konvenut;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata iz-17 ta' Jannar tas-sena 2000, li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi l-esponenti f'dan l-istadju mhuwiex f'posizzjoni illi jaghti elucidazzjonijiet dwar il-fatti relattivi u dana stante illi mhuwiex dedott mill-fatti tal-kawza;**

2. **Salv eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id –dokumenti esebiti;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghal-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-incident in dizamina sehh fis-16 ta' Settembru ta' l-1998 bejn il-vetturi indikati fl-avviz odjern u misjuqa wahda mill-attur u l-ohra minn Michael Darmanin li peress li hu assenti minn dawn il-gzejjer qieghed jidher ghalieh l-avukat Dr. Stefan Camilleri;**

2. **Illi jirrizulta li l-attur Aquilina kien qed isuq il-vettura tal-marka Toyota bin-numru ta' registrazzjoni IAR 256 fid-direzzjoni tas-Siggiewi minn naha ta' Haz-Zebbug;**

3. **Illi stante li jirrizulta li n-naha ta' gewwa tat-triq kienet miksura, dan l-attur kien kostrett isuq fuq in-naha ta' barra tal-karreggiata;**

4. **Illi jirrizulta li l-linja medjana tal-karreggjata tieghu ma qabiziex;**

5. **Illi f'daqqa wahda l-attur ra l-vettura ta' l-imsemmi Dramanin tigi misjuqa fuq in-naha l-hazina tal-karreggjata, u cioe' fuq il-karreggjata ta' l-attur, u b'hekk sehh l-incident de quo;**

6. **Illi kagun ta' dan l-incident l-attur sofra d-danni indikati minnhu fl-avviz odjern u ghadu ma giex risarcit ta' dan;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi tenut kont tas-suespost din il-qorti hi sodisfatta li l-attur ipprova l-kaz tieghu skond il-ligi u konsegwentement:**

1. **Tiddikjara lil Michael Darmanin unikament responsabbli ghal incident meritu ta' din il-procedura;**

2. **Tillikwida d-danni fl-ammont ta' disa' mija u tmienja u ghoxrin Lira Maltin, (Lm 928.00.0);**

3. **Tikkundanna lill-Dr. Stefan Camilleri LL.D. kuratur deputat, nominat b'digriet tas-7 ta' Jannar tas-sena 2000 biex jirrapprezenta lill-assenti Michael Darmanin, biex ihallas l-ammon fuq likwidat lill-attur Claudio Aquilina, bl-ispejjez.**

Avviz Nru:  1796/99/SM

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**